

DIRETTIVA TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI 2014/4/UE

tat-18 ta' Ottubru 2013

li temenda, għal skopijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għal ċomb li jippermetti konnessjonijiet ermetiċi bejn l-aluminju u l-azzar fl-intensifikaturi tal-immaġnijiet tar-raġġi X

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Artikolu 2

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) tagħha

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2011/65/UE tipprojbixxi l-użu taċ-ċomb fit-tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq.
- (2) Iċ-ċomb jintuża fl-intensifikaturi tal-immaġnijiet bir-raġġi X sabiex ikun hemm konnessjonijiet ermetiċi bejn l-aluminju u l-azzar.
- (3) Is-sostituzzjoni taċ-ċomb kieku tirriżulta f'intensifikaturi tal-immaġni li ma jkunux affidabbli biżżejjed u għalissa għandha titqies bħala imprattikabbli teknikament. Għalhekk, minħabba s-saħħa u s-sikurezza tal-pazjenti, l-issuktar tal-użu taċ-ċomb li jippermetti l-konnessjonijiet ermetiċi bejn l-aluminju u l-azzar fl-intensifikaturi tal-immaġnijiet bir-raġġi X, għadu meħtieġ.
- (4) Id-Direttiva 2011/65/UE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-aħħar jum tas-sitt xahar wara d-dħul fis-seħħ. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ottubru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88.

ANNEX

Fl-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE, jiżdied il-punt 24 li ġej:

“24. Iċ-ċomb li jippermetti konnessjonijiet ermetiċi bejn l-aluminju u l-azzar fl-intensifikaturi tal-immaġnijiet bir-raġġi X. Tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2019.”
